# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 30 ta' Ottubru 2015**

**Numru**

**Rikors numru 1159/11 SM**

**Johann Baldacchino Romano bhala mandatarju tal-assenti Edmond Mehran Estephan**

**v.**

**Ghazi Haigaz Kaskanian**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat li ressaq l-attur fit-22 ta' Novembru 2011, li jaqra hekk:

"**<u>Dikjarazzjoni tal-fatti tal-kaz</u>**

"1. Illi Edmond Mehran Estephan kien, sa mis-sena 1972 jissupplixxi u jbiegh magni tal-hjata industrijali bhala agent ta' kumpanija Taljana u dan gewwa l-Lebanon;

2. Illi fost diversi klijenti, Edmond Mehran Estephan kien regolarment jissupplixxi b'dan il-makkinarju fabbrika tal-hwejjeg gestita minn

"Kashanian Bros. Joint Company" liema partnership kienet tappartjeni lill-intimat Ghazi Haigaz Kaskanian flimkien ma' huh Misak Haigaz Kazkanian;

"3. Illi kien hemm perjodu li fih, ghalkemm Edmond Mehran Estephan biegh u kkonsenja lil Kaskanian Joint Bros. Company makkinarju tal-hjata ammontanti ghal erbgha u erbghin dollaru Amerikan [USD44,000.00], minn din is-somma thallsu erbat elef dollaru Amerikan [USD4,000.00] biss, filwaqt illi r-rimanenti somma ta' erbghin elf dollaru Amerikan [USD40,000.00] li kontriha inhargu wkoll kambjali pagabbli f'diversi partiti bejn il-11 ta' Jannar tas-sena 1994 u l-11 ta' April 1994 tas-sena, baqghet ma thallsitx;

"4. Illi fl-1996, wara diversi tentattivi minn Edmond Mehran Estephan sabiex jithallas il-flus lilu dovuti, huwa gie infurmat illi l-ahwa Kaskanian kienu harbu mil-Lebanon minhabba d-djun illi kellhom u eventwalment fid-29 ta' Novembru 2004 inghatat anki sentenza ta' habs, in absentia, lill-ahwa Kaskanian mill-Qorti Kriminali gewwa Jabal Libnan, Lebanon minhabba falliment frawdolenti [Dok. ES2];

"5. Illi fis-6 ta' April 1998, il-Qorti tal-Prim Istanza t-Tieni Awla, f'Jabal Libnan, Lebanon iddikjarat il-falliment ta' Kaskanian Bros. Joint Company u tal-joint partners taghha Misak u Ghazi Haigaz Kaskanian, u appuntat lill-Avukat Nabeeh el-Jardi biex ikun il-'bankruptcy attorney' [Dok. ES2];

"6. Illi wara illi nghatat din is-sentenza Edmond Mehran Estephan kiteb petizzjoni lill-imsemmi Nabeeh al Jardi fejn infurmah illi hu kien dovut is-somma ta' erbghin elf dollaru Amerikan [USD40,000.00] minn Kaskanian Joint Bros. Company u li hmistax-il kambjala kienu inhargu f'dan ir-rigward [Dok. ES4] u dan sabiex hu wkoll jiddahhal fil-konkors tal-kredituri ghall-hlas;

"7. Illi fis-17 ta' Lulju 2007, wara talba li saret mill-avukat ta' Estephan fil-Lebanon sabiex tinhareg stqarrija li tikkonferma d-dejn favur Estephan fil-falliment ta' Kaskanian Joint Bros. Company, ic-"Chief Clerk of the Court Considering Bankruptcy Cases in Jabal Libnan" hareg stqarrija fejn gie definittivament ikkonfermat illi Edmond Mehran Estephan huwa kreditur tal-falluta Kaskanian Joint Bros. Company ghas-somma ta' erbghin elf dollaru Amerikan [USD40,000.00] [Dok. ES5];

"8. Illi sal-gurnata tal-lum Edmond Mehran Estephan baqa' ma thallasx is-somma lilu dovuta u dan ghaliex l-intimat u huh harbu mil-Lebanon fejn kienu jiggestixxu n-negozju taghhom u ma kellu l-ebda tracca dwar fejn kienu jinsabu l-ahwa Kaskanian;

"9. Illi ricentement pero` waslet informazzjoni lil Edmond Mehran Estephan illi l-intimat Ghazi Haigaz Kaskanian prezentement jinsab residenti hawn Malta, u senjatament gewwa 121, San Marco Apts, Flat

2, Triq il-Ghajn, Swieqi u ghandu wkoll karti tal-identita` Maltija illi ggib in-numru 30509A.

“**Ragunijiet ghat-talba**

“10. Illi Edmond Mehran Estephan ghandu interess illi jenforza gewwa l-Gzejjer Maltin, id-decizjoni moghtija fis-6 ta’ April 1998, mill-Qorti tal-Prim Istanza, Sekond’Awla gewwa Jabal Libnan, Lebanon li biha gie dikjarat il-falliment ta’ Kaskanian Bros. Company u tal-joint partners taghha Misak u Ghazi Haigaz Kaskanian, kif ukoll tal-istqarrija mahruga fis-17 ta’ Lulju 2007 mic-“Chief Clerk of the Court Considering Bankruptcy Cases in Jabal Libnan”, Lebanon li biha Edmond Mehran Estephan gie kkonfermat kreditur ta’ Kaskanian Joint Bros. Company u dan stante l-fatt illi l-intimat jinsab residenti hawn Malta, u senjatament gewwa 121, San Marco Apts, Flat 2, Triq il-Ghajn, Swieqi u ghalhekk ghandu interess illi jigbor il-flus lilu dovuti kif surriferit;

“**Talbiet**

“Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn premessi, ir-rikorrenti jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni:

> “1. Tiddikjara ezegwibbli s-sentenza moghtija fis-6 ta’ April 1998 mill-Qorti tal-Prim Istanza, Sekond’Awla gewwa Jabal Libnan, Lebanon li biha gie dikjarat il-falliment ta’ Kaskanian Joint Bros. Company u tal-joint partners taghha Misak u Ghazi Haigaz Kaskanian kif ukoll l-istqarrija mahruga fis-17 ta’ Lulju 2007 mic-“Chief Clerk of the Court Considering Bankruptcy Cases in Jabal Libnan”, Lebanon li biha Edmond Mehran Estephan gie kkonfermat kreditur ta’ Kaskanian Joint Bros. Company u tordna l-ezekuzzjoni taghhom u dan ai termini tal-Artikoli 825A-828 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;
>
> “2. Konsegwentement tiddikjara illi l-intimat huwa debitur ta’ Edmond Mehran Estephan fis-somma ta’ erbghin elf dollaru Amerikan [USD40,000.00] rapprezentanti makkinarju tal-hjata mibjugh u kkonsenjat lill-istess;
>
> “3. Konsegwentement tordna lill-intimat sabiex ihallas lil Edmond Mehran Estephan is-somma erbghin elf dollaru Amerikan [USD40,000.00] dovuti mill-istess intimat;

“Bl-ispejjez u bl-imghax bl-oghla rata li tippermetti l-ligi sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat illi huwa ngunt minn issa ghas-subizzjoni.”

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li in forza taghha eccepixxa illi:

"1. Preliminarjament, l-intimat jeccepixxi l-irritwalita` u n-nullita` tal-procedura diretta kontrieh, stante li din hija msejsa fuq kopji ta' dokumenti ffirmati u kkonfermati biss mill-patrocinat legali f'Malta tar-rikorrent nomine u tal-persuna li allegatament ittraduciet l-isemmija dokumenti.

"Fi kliem iehor, ma hemm ebda attestazzjoni ufficjali u legali tal-kontenut veru tal-istess dokumenti u ghalhekk dawn m'ghandhom ebda forza legali u ghandhom jigu sfilzati mill-atti tal-kawza;

"2. Bla pregudizzju ghas-suespost, hija wkoll nieqsa kopja legali tal-prokura specjali li suppost qeghda tawtorizza lir-rikorrent Johann Romano Baldacchino biex jidher u jagixxi f'isem il-mandanti tieghu, Edmond Estephan.

"Ghaldaqstant, u in mankanza tad-debita awtentikazzjoni tal-prokura spejcali annessa mar-rikors promotur (Dok. "ES1"), kif titlob il-ligi, l-imsemmija prokura ghandha tigi ddikjara bhala wahda monka u ghandha tigi sfilzata mill-atti tal-kawza;

"3. Bla pregudizzju ghas-suespost, u fil-kaz li n-nuqqasijiet sueccepiti jkunu gew talvolta ssanati, it-talbiet tar-rikorrent nomine ghandhom jigu respinti peress li dawn jiddifettu gravament u jivvjolaw id-dizpozittivi li jinsabu, fost ohrajn, fl-Artikolu 827(1) u (2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan ukoll b'riferenza ta' dak li jghid l-Artikolu 811 tal-istess Kap. 12. Dan hu hekk peress li s-sentenza allegatament annessa mill-Qorti Lebaniza, ghalkemm hi Qorti differenti, suppost kienet tikkontjeni *ictu oculi* disposizzjonijiet kuntrarji ghall-ordni pubbliku, kif ukoll ghall-ordni pubbliku, kif ukoll ghal-ligi interna ta' Malta. Dan hu hekk ghaliex:

> "(i) Bhala fatt l-intimat konvenut qatt ma rcieva jew gie servut biex iwiegeb ghal xi procedura gudizzjarja bhax-xorta msemmija fil-kopji tal-allegati dokumenti li gew esebiti mill-kontroparti. Dan ifisser li jezistu mankanzi serji kif jissemma fl-Artikolu 811(b) u (c) tal-istess Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;
>
> "(ii) Jirrizulta li gie vvjolat ghal kollox il-principju baziku tal-*audi alteram partem* u dan ifisser li kull ma seta' gie determinat u/jew deciz fil-konfront tal-eccipjent kien vizzjat u null u priv ghalhekk minn kull effett legali;
>
> "(iii) Li trattandosi ta' proceduri allegatament mittiehda in kontumacja, jonqos il-prova li l-partijiet kienu meqjusa kontumaci wkoll skont il-ligi estera, f'dan il-kaz dik Lebaniza;
>
> "(iv) Li skont il-ligi interna ta' Malta, il-kaz u l-azzjoni relattiva mehuda kienet ghal kollox preskritta. Bizejjed jinghad li l-allegati rapporti kummercjali bejn il-partijiet sehhew fis-snin sebghin (1972), filwaqt li l-ewwel azzjoni dwarhom ittiehdet fis-sena 1994;

"(v) Barra minn dan, ghal fini ta' esigwibbilta` o meno tad-decizjoni li suppost inghatat mill-Qorti tal-Lebanon fis-6 ta' Ottubru 1998, gia` ghaddew aktar minn tlettax-il (13) sena, u kwindi jsegwi li f'kull kaz trid issir kull prova necessarja kif hemm imnizzel fl-Artikolu 258 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

"(vi) Bla pregudizzju ghas-succepit, u assumendo li jezistu dokumenti validi li fuqhom hija bbazata l-procedura tar-rikorrent nomine, is-sentenza li taghha qeghda tintalab li tigi reza ezegwibbli, jidher li ttiehdet ad istanza ta' Levanese Inaash Bank, liema isem in segwitu gie korrett u sostitwit bl-isem ta' Inaash Bank (Lebanese Shareholding Company) (Lebanese Joint-Stock Company), ara Dok. "ES3". Jirrizulta inoltre li f'din il-procedura partikolari intervenew ukoll u **biss fiha** l-ahwa Maroon u Tony Hamar. Ghalhekk jidher li r-rikorrent nomine huwa estranju ghall-fini tal-imsemmija decizjoni. L-isem ta' Edmond Mehram Estephan effettivament jissemma' bhala konkorrent fi proceduri ta' falliment fil-konfront tas-socjeta` Kaskanian Bros. Company (ara Dok. "ES 5"), izda **mhux ukoll** li hemm xi tismija tieghu bhala parti fis-sentenza moghtija fis-6 ta' April 1998. **Kwalunkwe dikjarazzjoni fis-sens espress fid-Dok "ES 5" certament ma tammontax u lanqas ma tista' tekwevali ghal sentenza moghtija minn Qorti,** kif donnu qieghed jippretendi r-rikorrent nomine.

"4. Illi l-intimat konvenut proprio m'ghandu jaghti ebda hlasijiet lir-rikorrent nomine kif miltub minnu fl-att promotorju u ghalhekk isegwi li t-talbiet kollha, kif dedotti, ghandhom jigu respinti, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti nomine."

Rat is-sentenza li tat il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Novembru 2014, li in forza taghha cahdet it-talbiet kollha attrici, bl-ispejjez kontra tieghu;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"8. Illi qabel xejn ghandhom l-ewwel jigu legittimament epurati l-eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-intimat, senjatament dawk rigwardanti l-artiklu 811 u 827 tal-Kap 12 fuq gia` citat;

"9.0. Illi f'dan ir-rigward jigi sintetikament senjalat is-segwenti:

"9.1. Illi *ai termini* tal-artiklu 827 tal-imsemmi Kap 12, qabel ma qorti tiddeciedi ghandiex tezegwixxi sentenza moghtija minn qorti kompetenti estera ghandha l-ewwel tara jekk tali sentenza:

"9.1.1. Tistax tigi attakkata taht wahda mir-ragunijiet imsemmija fl-artiklu 811 tal-istess Kap;

"9.1.2. Ghandiex xi cirkostanzi li taghmel kompetenti l-qrati ta' Malta taht l-artiklu 742 tal-istess Kap;

"9.1.3. F'kaz ta' kontumacja, il-partijiet kienux kontumaci skont il-ligi;

"9.1.4. Ghandiex xi disposizzjoni kontra l-ordni pubbliku Malti;

"Ikkunsidrat:

"10.0. Illi minn ezami tad-dokumentazzjoni prodotta mir-rikorrenti *nomine* jirrizulta sintetikament is-segwenti:

"10.1. Illi ma jirrizultax li l-intimat kien gie notifikat bil-procedura indirizzata kontra tieghu li wasslet ghas-sentenza tas-6 t'April, 1998;

"10.2. Illi lanqas jirrizulta mill-atti li gew nominati xi Kuraturi Deputati biex jirrapprezentawh fl-assenza tieghu mill-Libanu;

"10.3. Illi ghalhekk tali mankanzi mhux biss jiksru d-disposizzjoni legittima tal-principju tal-*audi alteram partem* izda li konsegwenza tal-istess tali proceduri jivvjalaw l-ordni pubbliku Malti li din il-qorti ma tistax tissorvola inpunjament;

"10.4. Illi *di piu`*, l-istess mankanzi jivvjolaw id-dettam specifiku kif espost fl-artikli 811 (b) u (c) tal-imsemmi Kap 12 li allura jirrendu impossibli ir-rikonoxximent u l-ezekuzzjoni tad-decizjoni estera in dizamina;

"10.5. Illi in oltre, l-ebda prova ma ingiebet mir-rikorrenti *nomine* f'dan ir-rigward, u konsegwentement din il-qorti m'ghandha l-ebda alternattiva hlief li tirritjeni li l-intimat gie b'hekk gravament pregudikat bil-procedura estera li allura bl-ebda mod ma tista` tigi avallata mill-qorti odjerna;

"Ikkunsidrat:

"11.0. Illi rigward l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-intimat jinghad sintetikament is-segwenti:

"11.1. Illi n-negozju riskontrat bejn il-partijiet jirrigwarda l-bejgh u xiri ta' magni tal-hjata;

"11.2. Illi jidher li dawn ir-rapporti kummercjali addirittura sehhew fl-1972;

"11.3. Illi l-ewwel azzjoni tar-rikorrenti tirrizulta li giet intavolata fl-1994;

"11.4. Illi n-negozju riskontrat hu ghalhekk legalment cirkoskritt ghall-limitazzjoni ta' "azzjoni ta' kreditur ghall-prezz ta' merkanzija mibjugha bl-imnut", (artiklu 2148 (b) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta);

"11.5. Illi l-perjodu ta' preskrizzjoni statutorjament impost fir-rigward hu dak ta' eghluq it-tmintax (18) -il xahar;

"11.6. Illi ghalhekk ghandu jirrizulta abbundantement assodat li l-perjodu in dizamina ilu li gie ssuperat;

"Ikkunsidrat:

"12.0. Illi fil-mertu, ghal dak li jirrigwarda r-rikonoxximent u l-esekuzzjoni tas-sentenza mitluba mir-rikorrenti *nomine* jinghad sintetikament is-segwenti:

"12.1. Illi l-procedura in dizamina giet inizjata minn bank bl-isem ta' *Inaash Bank*, li fih intervenew l-ahwa Maroon u Tony Hamdar;

"12.2. Illi fl-atti riprodotti tal-istess sentenza, (ara foll 21 sa 24), ir-rikorrenti Edmond Mehran Estephan ma jirrizulta li jiffigura imkien u hu ghalhekk hu ghal kollox estraneu ghall-istess;

"12.3. Illi l-imsemmi rikorrenti jiffigura f'rikors datat is-27 ta' Lulju, 2007, fl-atti tal-procedura ta' falliment mehuda fil-konfront tal-*partnership Kaskanian Bros. Company*, (ara foll 31);

"12.4. Illi mid-dokumentazzjoni in atti fir-rigward ma jirrizultax li tali dikjarazzjoni hi ekwivalenti ghal sentenza rilaxxata minn qorti kompetenti kif trid il-ligi;

"Ikkunsidrat:

"13.0. Illi rigward il-kwistjoni ta' min verament hu debitur tar-rikorrenti jigi sintetikament rilevat is-segwenti:

"13.1. Illi fix-xhieda tieghu tas-26 ta' Frar, 2014, ir-rikorrenti Estephan jikkonferma li effettivament id-debitur tieghu hi s-socjeta` Kaskanian meta jsostni:

> *"“... I say the debtors on behalf of the Company Kaskanian Company. However, the debtor is Kaskanian Company. The Bill of exchange at folio 91 is addressed on the name of Kaskanian Brothers, the Company" (ara foll 134)*

> "13.2. Illi ghalhekk ghandu ulterjorment ikun pacifiku li l-intimat jirrizulata personalment estraneu ghall-vertenza in dizamina;

> "13.3. Illi *di piu`*, l-istess certifikat dwar il-kambjali in dizamina riprodott a foll 91 fuq gia` riferit, jindika b'mod car li l-istess kambjali jghajtu lil certu Zohrab Kiforkian li ovvjament hu estraneu kemm ghall-intimat u ghall-*partnership* jew issa wkoll *socjeta` Kaskanian Bros. Company;*

"Ikkunsidrat:

"14. Illi tenut kont tal-analizi tal-vertenza kif fuq esposta ghandu jkun pacifiku li r-rikorrenti *nomine* naqas jissosstanzja u jipprova il-kaz tieghu skont il-ligi;"

Rat ir-rikors tal-appell tal-attur li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab illi din il-Qorti joghgobha:

> "… … tilqa' dan l-umli appell u tbiddel, tvarja u tirriforma s-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-5 ta' Novembru 2014 fl-ismijiet Johann Baldacchino Romano [KI 172876M] bhala mandatarju tal-assenti Edmond Mehran Estephan [Passaport Lebaniz Numru RL 1590025] vs Ghazi Haigaz Kaskanian billi tilqa' t-talbiet rikorrenti nomine fl-intier taghhom u konsegwentement tirrespingi r-risposti kollha intimati, bl-ispejjez taz-zewg istanzi ikunu a karigu tal-intimat appellat."

Rat ir-risposta tal-konvenut li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, issottometta illi din il-Qorti ma ghandu jkollha l-ebda diffikulta` sabiex tichad dan l-appell fl-intier tieghu, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess appellant;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza l-attur Edmond Mehran Estephan qed jitlob l-ezekuzzjoni ta' sentenza li inghatat fis-6 ta' April 1998, minn Qorti fil-Libanu. B'dik is-sentenza gie dikjarat il-falliment tas-socjeta` Kaskanian Bros. Joint Company u tas-socji taghha Misak u Ghazi Haigaz ahwa Kaskanian. L-attur jghid li hu kien issuplixxa lil din is-socjeta` magni tal-hjata u fadallu jiehu bilanc ta' US$40,000. Hu sar jaf li l-konvenut jinsab Malta u ghalhekk, talab l-ezekuzzjoni tas-sentenza u li jigi dikjarat kreditur tal-konvenut fl-imsemmija somma.

L-ewwel Qorti cahdet it-talbiet tal-attur wara li riskontrat diversi nuqqasijiet fid-dokumenti li gew prodotti, u, dwar l-allegat kreditu, osservat illi dan ma jirrizultax ippruvat, u f'kull kaz, il-konvenut personalment jirrizulta li hu estraneu ghall-vertenza.

L-attur appella mis-sentenza u ressaq erba' aggravji li ser jigu trattati seriatim.

Qabel xejn, tajjeb li din il-Qorti tghid li l-materja hija regolata bl-Artikoli 826 u 827 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta). L-Artikolu 826 jibda biex jenuncja l-principju illi

sentenzi moghtija minn Qorti kompetenti estera "*jistghu jigu esegwiti mill-Qorti kompetenti ta' Malta, bhas-sentenzi moghtija f'Malta*". L-Artikolu 827 isegwi billi jghid meta ma jistax isir dan. Dawn l-eccezzjonijiet kif kontemplati fl-Artikolu 827 huma mhux biss ta' interpretazzjoni stretta, izda huma *"exhaustive"*, fis-sens li l-Qorti ma tistax tirrifjuta l-ezekuzzjoni ta' sentenza estera ghal xi raguni mhux kontemplata f'dan l-artikolu. Qorti Maltija mitluba tesegwixxi sentenza ta' pajjiz barra mill-Unjoni Ewropeja, trid issegwi dawn ir-regoli stretti u limitatissimi. Il-funzjoni tal-Qorti Maltija hi li tordna l-ezekuzzjoni tas-sentenza estera sakemm ma jigix ippruvat a sodisfazzjon taghha xi wahda jew aktar mill-eccezzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 827 imsemmi. Mhix il-funzjoni tal-Qorti lokali li terga' tiftah il-meritu tal-kwistjoni deciza bis-sentenza estera, u partikolarment, mhux kompitu tal-Qorti la li tghaddi gudizzju fuq il-kompatibbilita` tal-ligi estera mal-Ordinament Guridiku Malti u lanqas li tqabbel il-ligi estera ma' dik Maltija, u tirrifjuta li tesegwixxi sentenza ta' pajjiz li ghandu ligijiet differenti minn ta' Malta. Il-principju internazzjonali ta' *"comity of nations"* ma jippermettix dan, u lanqas ma jippermettih l-Artikolu 827. Hu <u>biss</u> meta s-sentenza estera, fl-interpretazzjoni tal-ligi estera, tkun kuntrarju ghall-ordni pubbliku jew ghal-ligi pubblika interna ta' Malta, li Qorti lokali tista' tirrifjuta li tezegwixxi dik is-sentenza estera.

Fil-fatt, din il-Qorti fil-kawza **Schoeller International Gmbh v. Ellul et**, deciza fl-10 ta' Mejju, 2005, osservat illi:

> "*F'dan il-kuntest din il-Qorti, pero`, thoss li ghandu jigi osservat li meta ssir talba ghall-esekuzzjoni ta' sentenza ta' qorti estera l-indagini li trid issir mill-qorti lokali ma tridx tkun koncernata bil-mertu tal-proceduri quddiem il-qorti estera li wassal ghal dik is-sentenza ghax altrimenti l-qorti li tkun giet mitluba li taghti esekuzzjoni lil dik is-sentenza tkun qed tassumi poteri li ma kienux intizi bid-dispost ta' l-Artikolu 826 et sequitur tal-Kap. 12.*"

(ara wkoll **Farrugia noe v. Peter Blond International Ltd.** deciza minn din il-Qorti fil-31 ta' Ottubru, 2008).

Dan hu konformi mad-duttrina in materia. Fil-fatt, il-gurista Luigi Mattirolo, ("Trattato di Diritto Giudiziario Civile Italiana", Vol.VI, 4a ed, Torino 1898 p. 942) jghid li f'tali procedura, il-Qorti:

> "*… non e` chiamata ad esaminare e rivedere il merito della causa, e molto meno a riparare la sentenza estera che le apparisca contraria a giustizia, ma solo ad esaminare se la sentenza straniera abbia le condizioni necessarie perche` le si possa accordare forza esecutiva nel nostro territorio. Adunque il giudizio di delibazione e` un giudizio sui generis, straordinario, cosi` per riguardo al magistrato davanti a cui si svolge in primo ed ultimo grado, come per i confini limitati entro i quali debbe strettamente contenersi l'esame dell'autorita` giudicante.*"

Trattat issa l-meritu tal-aggravji tal-attur appellanti, dan, fl-ewwel lok, jilmenta mill-fatt li l-ewwel Qorti sabet mankanzi fid-dokumentazzjoni prodotti. Partikolarment, jichad li s-sentenza estera inghatat fl-assenza tal-konvenut. L-attur jghid li ma hemmx prova li l-konvenut ma kienx gie notifikat bl-atti li waslu ghad-decizjoni inkwistjoni, pero`, din il-Qorti tirrimarka, il-prova ma kellhiex tkun negattiva mill-konvenut, izda l-attur

kellu jipproduci prova dokumentali u awtentika li l-konvenut gie fil-fatt notifikat (ara bhala rifless fuq dan il-punt il-kawza **Camilleri Prezjosi noe v. Degiorgio et** deciza minn din il-Qorti fit-18 ta' Jannar 1984). L-attur ma kellux igib prova li l-konvenut kien jaf bil-proceduri kontra tieghu – prova li lanqas ma tirrizulta konvincenti – izda li l-konvenut kien notifikat formalment. Il-konvenut ma ppartecipax u ma intervjenix f'dawk il-proceduri, u ghalhekk l-attur kellu jiehu hsieb jesebixxi kopja tan-notifika. Kienx jew le l-Libanu l-konvenut meta sehhew dawn il-proceduri hu rrilevanti, ghax l-importanti hu n-notifika. F'dan il-kaz, mill-atti tal-Qorti estera esebiti ma jirrizultax notifika tal-konvenut. Il-konvenut jghid li hu qatt ma rcieva jew gie servut biex iwiegeb ghal xi procedura gudizzjarja tax-xorta msemmija fid-dokumenti, u fin-nuqqas ta' prova ta' notifika pozittiva ghandu jinghad li jezistu nuqqasijiet kif riskontrati fl-Artikolu 827 u 811 tal-Kodici msemmi.

L-attur jghid li meta ttiehdu proceduri kriminali kontra l-ahwa Kaskanian fil-Libanu, il-Qorti rrimarkat fis-sentenza li kienet qed tinghata *in absentia*. Dan ma jfissirx, pero`, li darba ma ntqalx l-istess fil-kawza civili, allura wiehed ghandu *'jifhem'* illi l-konvenut ma kienx assenti. Il-prova tan-notifika ma tridx issir fuq bazi ta' allegazzjonijiet jew kongenturi, izda minn dokumenti ufficjali li jevidenzjaw dak il-fatt u bin-notifika ssir skont l-esigenzi tal-Ligi Maltija (ara **Harding v. Lucia**

deciza mill-Qorti tal-Kummerc fis-7 ta' Jannar 1932, Kollez. Vol. XXVIII.III.797).

Bit-tieni aggravju tieghu, l-attur jilmenta mill-fatt li l-ewwel Qorti accettat eccezzjoni ta' preskrizzjoni meta l-konvenut naqas milli jindika liema preskrizzjoni kien qieghed jistrieh fuqha fid-difiza tieghu. Fuq dan, l-attur appellant ghandu ragun, peress illi la darba l-konvenut naqas li jindika b'mod inekwivoku l-artikolu tal-ligi kif ukoll it-terminu ta' preskrizzjoni li fuqu kien qed jistrieh, l-ewwel Qorti kellha tghaddi sabiex tirrespingi l-eccezzjoni tal-konvenut u mhux tehodha fuqha li tapplika artikolu tal-Ligi Maltija (tmintax-il xahar ai termini tal-Artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili), meta lanqas ma kellha indikazzjoni li, ghall-materja, tapplika l-ligi ta' Malta. F'kaz illi tigi nvokata l-preskrizzjoni izda ma jigix indikat l-artikolu li fuqu jkun qieghed jistrieh, il-Qorti ma tistax taghmel hi tajjeb ghal dan in-nuqqas u tqajjem il-preskrizzjoni u l-artikolu rilevanti hi (ara f'dan is-sens **Gatt v. Camilleri** deciza minn din il-Qorti fil-31 ta' Mejju 2004, fost diversi ohra).

Isegwi li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif sollevata mill-konvenut ghandha tigi michuda.

Fit-tielet aggravju tieghu, l-attur isostni li, kuntrarjament ghal dak li ddecidiet l-ewwel Qorti, hu ssodisfa r-rekwiziti ghall-ezekuzzjoni tas-

sentenza estera. Jirrizulta li l-attur ma kienx parti fil-proceduri li wasslu ghas-sentenza inkwistjoni. L-istess sentenza inghatat wara illi ttiehdu proceduri minn Lebanese Inaash Bank u intervjenew fil-kawza certu Maroon u Tony Hamdar. L-attur jammetti li hu qatt ma fetah proceduri ta' falliment kontra s-socjeta` inkwistjoni u ma jistax jinghad li inghatat xi sentenza favur tieghu. Min-naha l-ohra, ghall-ezekuzzjoni ta' sentenza estera fit-termini tal-Artikolu 826 u 827 tal-Kap. 12, il-ligi ma tghidx li min jitlob l-ezekuzzjoni ta' sentenza estera, irid ikun rebbieh fl-istess process. Il-ligi tghid biss li l-ezekuzzjoni ssir *'fuq rikors b'talba biex tigi ordnata l-ezekuzzjoni ta' dawk is-sentenzi',* li jfisser, skont il-principji generali, li t-talba tista' ssir minn min juri interess guridiku fil-materja. Fis-sentenza estera, fil-fatt, ma gewx milqugha xi talbiet specifici ta' min inizja u intervjena fl-azzjoni, izda l-Qorti illimitat ruhha li tiddikjara l-falliment tas-socjeta` u tal-ahwa Kaskanian. Ghalhekk, ghalkemm l-attur Edmond Mehran Estephan huwa estraneu ghal dawk il-proceduri, bhala persuna li jippretendi li hu kreditur tal-istess socjeta` u ahwa Kaskanian, ghandu interess attwali u guridiku biex jitlob l-ezekuzzjoni tas-sentenza estera.

Kwindi dan it-tielet aggravju huwa wkoll milqugh. Jibqa' l-fatt, pero`, li fid-dawl ta' dak li inghad aktar qabel, is-sentenza estera ma tistax tinghata ezekuzzjoni hawn Malta fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 827(1)(a) – b'referenza ghall-Artikolu 811(b) – tal-imsemmi Kap. 12.

Ir-raba' aggravju tal-attur jolqot id-decizjoni tal-ewwel Qorti dwar il-pretiz kreditu tieghu.

L-attur, f'din il-kawza, ma talabx biss li tigi dikjarata ezegwibbli s-sentenza estera tas-6 ta' April 1998, izda wkoll li jigi dikjarat kreditur tal-konvenut fis-somma ta' US$40,000. L-attur, kwindi hu tenut jaghmel il-prova relattiva.

Issa, skont is-sentenza tas-6 ta' April 1998 li taghmel referenza ghal ligi kummercjali Lebaniza, f'kaz ta' *joint partnership*, is-siehba fis-socjeta` jitqiesu responsabbli personalment, u d-dikjarazzjoni ta' falliment tas-socjeta`, iwassal ghall-falliment tas-siehba. Is-sitwazzjoni tidher li tixbah lis-socjeta` *en nom collectif* kif regolata hawn Malta. L-attur irid, pero`, jipprova li hu kreditur tal-konvenut.

L-attur jghid li skont stqarrija mahruga mic-*Chief Clerk of the Court Considering Bankruptcy Cases in Jabal Libnan,* hu gie dikjarat kreditur tas-socjeta` Kaskanian Bros-Joint Company. X'inhu l-effett ta' din l-istqarrija gewwa l-Libanu ma giex muri; li hu zgur hu li ma tidhirx li hi sentenza ta' xi Qorti. L-attur juri kambjali biex jipprova juri l-kreditu tieghu, izda l-konvenut isostni, u hekk hu, li dawn <u>ma humiex iffirmati mill-konvenut</u>. Dawn il-kambjali gew iffirmati minn Misak Haigaz

Kaskanian, hu l-konvenut, a favur certu Zohrab Kiforkian, izda girati a favur l-attur. Il-kambjali nhargu kontra Kaskanian Bros Company (in-nuqqas ta' precizjoni fl-isem tal-kumpanija – ghax hemm nieqsa l-kelma 'Joint' qabel il-kelma 'Company' – ma jwassalx ghal xi incertezza), u t-titolari taghhom, wara l-gira taghhom, huwa l-attur. L-attur, f'dawn il-proceduri, mhux qed jitlob l-ezekuzzjoni tal-kambjali, u mhux qed jezercita l-*actio cambiara*, pero`, il-kambjali huwa prova ta' debitu favur l-attur. Id-debitrici hija s-socjeta` Kaskanian Bros, pero` jirrizulta li, skont il-ligi Lebaniza, *"each partner of a joint company* (kif inhi din inkwistjoni) *is considered to be practising business by himself under the name of the company. Each one of them has the capacity of a legal merchant"*. Il-konvenut huwa wiehed mis-socji ta' din il-kumpanija, u kwindi hu responsabbli wkoll mal-kumpanija. Ma giex muri jekk ir-responsabbilta` tal-ahwa Kaskanian, taht il-ligi Lebaniza, hijiex solidali jew le, u darba l-kawza saret biss kontra wiehed mill-ahwa, ma tarax li ghandha tikkundannah ghas-somma kollha dovuta. In-negozju sar mill-kumpanija, u s-socju jitqies ukoll responsabbli personalment ghad-djun taghha, pero`, ma giex muri b'liema grad, u ghalhekk, sejra tikkundanna l-konvenut ihallas nofs is-somma pretiza. Ma hemm xejn x'jorbot il-kuntratt meritu ta' dan il-kaz ma' Malta u kwindi ma tarax li ghandha tapplika l-ligi Maltija f'dan ir-rigward (l-Artikolu 7 tal-Att dwar il-Kumpaniji).

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-attur billi tilqa' l-istess in parte u tirriforma s-sentenza tal-ewwel Qorti billi tikkonfermaha fejn cahdet l-ewwel talba attrici ghal dikjarazzjoni ta' ezegwibbilta` tas-sentenza tas-6 ta' April 1998 mahruga mill-Qorti fil-Libanu, izda tirrevokaha fejn cahdet it-tieni u t-tielet talba attrici, u minflok tilqa' l-istess zewg talbiet in parte billi tiddikjara li l-konvenut hu debitur tal-attur fis-somma ta' ghoxrin elf Dollaru Amerikan (US$20,000) u tikkundanna lill-konvenut ihallas din is-somma lill-attur, fi flus Euro ekwivalenti fid-data ta' din is-sentenza, bl-imghax legali mil-lum sal-pagament effettiv.

L-ispejjez kollha tal-kawza, inkluzi dawk in prim istanza, jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur

ld